MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2014

Numru. 164/2014

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**Vs**

**ARETHUSE JULIEN ALEXANDRE**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Arethuse Julien Alexandre ta’ 24 sena, iben Pierre u Chantal nee’ Lhomedet imwieled Nantes gewwa Franza, nhar is-17 ta’ Ottubru 1989, residenti 48,**

**Heliopolis, Triq Pace, Sliema u detentur tal-karta tal-identita` Franciza bin-numru 050644301855** gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-gzejjer fit-22 ta' Mejju 2014 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal- Art. 8(d) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-Seduta ta' llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat l-Ordni ta` l-Avukat Generali bis-sahha ta` l-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 sabiex din il-kawza tinstema minn din il-Qorti bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta' piena.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu giet sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi biex tiddikjarah hati taghha.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti, temi lkoll argumentati mill-prosekuzzjoni u d-difiza, u cioe` :

1. L-ammissjoni ta` l-imputat, li hi wahda bikrija. Sahansitra huwa ammetta fl-istqarrija li huwa rrilaxxja lill-pulizija waqt l-investigazzjoni;
2. Il-fedina penali netta ta` l-imputat;
3. Illi dan hu kaz ta` pussess semplici u li l-Qorti tista tkun iggwidata minn sentenzi ohra fejn jidher li l-aktar sanzjoni indikata f'kazijiet simili ghal dan odjern hi dik ikkontemplata fl-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi certament, dawn il-fatturi kollha qed jittiehdu in konsiderazzjoni u certament ukoll li lkoll ser ikunu riflessi fil-piena jew sanzjoni li l-Qorti tinfliggi.

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, u l-Artikoli 8(d) u 22 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil **Arethuse Julien Alexandre** hati ta' l-imputazzjoni kif dedott kontra tieghu u billi jissussistu l-elementi ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-istess Artikolu, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat ghall-perjodu ta' sena mill-llum.

Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem li jinftiehem, il-konsegwenzi legali ta' din is-sanzjoni imposta fuqu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------